



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

10724/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0184 (NLE)

COEST 499
POLCOM 71

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati
Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C, ..., ELI: ...

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺ il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), ġie ffirmat fi ...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim f’data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jikkostitwixxi pass importanti lejn it-tisħiħ tal-impenn politiku u ekonomiku tal-Unjoni fl-Asja Ċentrali. Bit-tisħiħ tad-djalogu politiku u t-titjib tal-kooperazzjoni f’firxa wiesgħa ta’ oqsma, il-Ftehim ser ikun ta’ bażi għal impenn bilaterali aktar effettiv mar-Repubblika Kirgiża.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta’ ... dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Imsaħħaħ ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-deċiżjoni fid-dokument tal-Kunsill ST 10659/22 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

Artikolu 1

Il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra³⁺, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 318(1) tal-Ftehim.

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, ..., ELI: ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota f'qiegħ il-paġna r-referenza tal-ĠU għall-pubblikazzjoni tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 10660/22.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 27(2), il-punt (a)(ii), tal-Ftehim, kwalunkwe emenda għall-Annessi tal-Ftehim dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim, li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-kummerċ, għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Fejn partijiet interessati ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim wara oġġezzjonijiet marbuta ma' indikazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta pożizzjoni abbażi tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

Artikolu 4

1. Isem protett taħt it-Titolu IV, il-Kapitolu 8, it-Taqsima B, is-Subtaqsima 4 (“Indikazzjonijiet Ġeografiċi”), tal-Ftehim jista' jintuża minn kull persuna fiżika jew ġuridika li tikkummerċjalizza prodotti agrikoli, affarijiet tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati jew xorb spirituż konformi mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.
2. F'konformità mal-Artikolu 124 tal-Ftehim, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista fl-Artikoli 119 sa 123 tal-Ftehim, inkluż fuq talba ta' parti interessata.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
